

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea th pharma – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 916 522

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Novembru 2021 fil-Każ R 1605/2020-1

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2022 – Ryanair vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-28/22)

(2022/C 109/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, S. Rating u G.-I. Metaxas-Maranghidis, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-26 ta' Lulju 2021 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.63203 (2021/N) – Il-Ġermanja – Għajnuna għar-ristrutturazzjoni għal Condor; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka għaxar motivi.

1. L-ewwel motiv: il-konvenuta wettqet żball ta' liġi u l-għajnuna mill-Istat ikkontestata ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni⁽¹⁾ għaliex Condor Flugdienst GmbH (iktar 'il quddiem "Condor") qiegħda tiġi akkwistata minn grupp ta' negozju ikbar u d-diffikultajiet tagħha ma humiex intrinsiki iżda huma r-riżultat ta' allokkazzjoni arbitrarja tal-ispejjeż.
2. It-tieni motiv: il-konvenuta naqset milli tistabbilixxi falliment tas-suq jew tbatija soċjali.
3. It-tielet motiv: il-konvenuta naqset milli tagħmel paragun ma' xenarju alternattiv kredibbli li ma jinvolvi għajnuna mill-Istat u ma stabbilixxiet li Condor eżawrixxiet il-possibbiltajiet kollha disponibbli fis-suq.
4. Ir-raba' motiv: id-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxi li l-pjan ta' ristrutturazzjoni huwa realistiku, konsistenti u estensiv u kapaċi jstabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà fit-tul ta' Condor mingħajr ma jkollha bżonn ta' iktar għajnuna mill-Istat f'perijodu raġonevoli.

5. Il-ħames motiv: id-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixx in-natura adegwata tal-ghajjnuna mill-Istat fid-dawl tal-ħsara kkawżata mill-kriżi tal-COVID-19.
6. Is-sitt motiv: id-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixx in-natura proporzjonata tal-ghajjnuna mill-Istat fid-dawl tal-ħsara kkawżata mill-kriżi tal-COVID-19.
7. Is-seba' motiv: id-deċiżjoni kkontestata ma tevalwax b'mod adegwat l-effetti negattivi tal-ghajjnuna mill-Istat.
8. It-tmien motiv: id-deċiżjoni kkontestata tikser dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat FUE u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li servew bħala bażi għal-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru fl-Unjoni sa mill-aħħar tas-snin 1980 (jiġifieri, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi – applikata għat-trasport bl-ajru permezz tar-Regolament Nru 1008/2008 ^(?) – u l-libertà ta' stabbiliment).
9. Id-disa' motiv: il-konvenuta naqset milli tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali minkejja li ltaqgħet ma' diffikultajiet serji u kisret id-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti.
10. L-għaxar motiv: il-konvenut kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

⁽¹⁾ Il-linji gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU 2014, C 249, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (ĠU 2008, L 293, p. 3).

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2022 – Vyatsky Plywood Mill vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-32/22)

(2022/C 109/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Vyatsky Plywood Mill OOO (Kirov, ir-Russja) (rappreżentanti: M. Krestyanova u N. Tuominen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1930 tat-8 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja ⁽¹⁾ fl-intier tiegħu sa fejn jirrigwarda lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż ta' u kkawżati minn dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni kisret l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Bażiku ⁽²⁾, wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi naqset milli tikkunsidra l-osservazzjonijiet tal-EU Plywood Associations fid-determinazzjoni tagħha tal-portata tal-prodott, il-kompożizzjoni u definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Fil-fatt, bħala awtorità ta' investigazzjoni indipendenti, il-Kummissjoni kellha tiffoka fuq provi prodotti minn EU Plywood Associations fuq l-inizjattiva tagħha stess, tivverifikaha u twestaq evalwazzjoni fattwali u legali fil-kuntest tal-portata tal-prodott, li hija element fundamentali ta' investigazzjoni anti-dumping li taffettwa s-sejbiet kollha. Il-Kummissjoni effettivament ħadhet/injorat ukoll kull prova jew argument tar-rikorrenti rigward is-sottomissjonijiet ta' EU Plywood Associations.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku billi wettqet analiżi tal-prezzijiet żbaljata fil-kuntest ta' dannu u rabta kawżali. L-ewwel nett, il-Kummissjoni injorat l-iżviluppi tal-prezzijiet post-IP u naqset milli tieħu debitament inkunsiderazzjoni il-qsim apparenti tas-suq. It-tieni, il-Kummissjoni naqset milli tevalwa l-effett ta' aċċess għal materja prima prinċipali mill-industrija tal-Unjoni, l-impatt ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u ta' diskriminazzjoni potenzjali kontra r-Russja.